MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

### ONOR. IMHALLEF
### GINO CAMILLERI

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Rikors Numru. 643/2005

**A.C.B International Company Limited**

**vs**

**Anton Spiteri (I.D. Card Nru. 189457 M) u Joseph Pace (I.D. Card Nru. 384735 M)**

Il-Qorti

Rat ir-rikors tas-socjeta' A.C.B International Company Limited fejn gie premess :

Illi in forza ta' sentenza pronuncjata minn din l-Onorabbli Qorti fit-30 ta' Gunju 1998 wara l-kawza fl-ismijiet **Alfred Borg noe -vs- Anton Spiteri et, Citaz Nru. 1089/94FDP**, is-socjeta' esponenti giet (i) awtorizzata tesegwixxi fil-konfront ta' l-intimat Anton Spiteri s-sentenza pronuncjata mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fl-14 ta' Jannar 1991 wara l-kawza fl-ismijiet "Alfred Borg nomine -vs- Anton

Spiteri", Citaz Nru 7/91JDC, in forza ta' liema sentenza s-socjeta' esponeneti giet kanonizzat kreditrici ta' l-intimat Anton Spiteri fl-ammont ta' Lm5282.90 flimkien ma' l-imghax legali u l-ispejjez giudizzjarji, vera fotokopja ta' liema taxxa qed tigi hawn annessa u markata bhala Dok. "X"; u giet (ii) kanonizzata kreditrici ta' l-intimat Anton Spiteri fl-ammont totali ta' Lm1697 rapprezentanti arretrati ulterjuri ta' kera kostitwita b'debitu mill-intimat Anton Spiteri favur is-socjeta' esponenti bis-sahha ta' skrittura privata datata 28 ta' Marzu 1991 – bl-ispejjez li kellhom jithallsu mill-intimat Anton Spiteri hlief ghal dawk relattivi ghall-intimat l-iehor Joseph Pace li kellhom jithallsu mis-socjeta' esponeneti stante li l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc illiberat lill-intimat Joseph Pace mill-osservanza tal-gudizzju;

Illi l-imsemmija sentenza tat-30 ta' Gunju 1998 ghaddiet in gudikat fil-konfront ta' l-intimat Anton Spiteri;

Illi in forza ta' sentenza pronuncjata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Dicembru 1999 wara l-appell fl-ismijiet **Alfred Borg noe –vs- Anton Spiteri et, Citaz. Nru 1089/94 FDP**, giet revokata dik il-parti tas-sentenza tat-30 ta' Gunju 1998 pronuncjata minn din l-Onorabbli Qorti fejn gie liberat mill-osservanza tal-gudizzju l-intimat Joseph Pace u minflok is-socjeta' esponenti giet kanonizzata kreditrici wkoll fil-konfront ta' l-istess intimat Joseph Pace, flimkien u solidament ma' l-intimat Anton Spiteri, verso s-somma komplessiva ta' Lm8100 bl-ispejjez tal-Prim' Istanza jibqghu kif decizi minn din l-Onorabbli Qorti u dawk ta' l-appell li jirrigwardaw biss lis-socjeta' esponenti qua appellanti u lill-intimat Joseph Pace qua appellat ikunu a karigu ta' l-intimat Joseph Pace;

Illi vera fotokopja tat-taxxa ta' l-ispejjez giudizzjarji, kemm in Prim' Istanza kif ukoll ta' l-Appell, in konnessjoni mal-precitati proceduri fl-ismijiet **Alfred Borg noe –vs- Anton Spiteri et**, **Citaz Nru 1089/94FDP**, qed tigi hawn annessa u markata bhala Dok "Y";

Illi nonostante diversi interpellazzjonijiet ghall-hlas u anke proceduri ghall-bejgh in subbasta ta' l-immobbli li

ghadhom pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell – Subbasta Nru. 83/00 fl-ismijiet “Alfred Borg noe –vs- Anton Spiteri et” – l-intimati baqghu inadempjenti u sa’ llum l-imsemmi kreditu kanonizzat favur is-socjeta’ esponeneti, l-imghax legali u l-ispejjez giudizzjarji ghadhom ma thalsux;

Illi mid-data ta’ l-imsemmija sentenzi, ossia mid-data tas-sentenza pronuncjata minn din l-Onorabbli fit-30 ta’ Gunju 1998 u mid-data tas-sentenza pronuncjata mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fis-6 ta’ Dicembru 1999, ghaddew iktar minn hames snin ai termini ta’ l-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ghaldaqstant, is-socjeta’ rikorrenti talbet li din il-Qorti tawtorizzaha tezegwixxi fil-konfront ta’ l-intimati s-sentenza pronuncjata minn din l-Onorabbli Qorti fit-30 ta’ Gunju 1998 u s-sentenza pronuncjata mill-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell fis-6 ta’ Dicembru 1999 wara l-kawza fl-ismijiet **Alfred Borg noe –vs- Alfred Spiteri et, Citaz Nru. 1089/94FDP**, ghall-kreditu lilha dovut mill-intimati flimkien u solidalment bejniethom, kif ukoll ghall-imghax legali u l-ispejjez giudizzjarji u dan ai temrini ta’ l-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza u d-dokumenti esibiti;

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum minn fejn jirrizulta li l-intimati ddikjaraw li li l-fatti kif kontenuti fir-rrikors promotur huma ammessi kif inhu ukoll ammess li ma sar ebda hlas da parti taghhom mid-dati ytas-sentenzi in kwestjoni sal-lum;

Fuq din id-dikjarazzjoni :

Tilqa t-talbiet kollha kif kontenuti fl-istess rikors promotur;

Spejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------